# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 36

Il-Hamis, 9 ta' Settembru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 35 li saret nhar il-Hamis, 12 t'Awwissu, 2010 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Malta Week***
Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-leaflet ta' Ottubru '10 kien se jiffoka fuq il-Malta Week u numru minn dawn il-leaflets ser jittiehdu Brussell sabiex jitqassmu minfuq l-istand. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsillier Peter Buontempo ser ikun qieghed fl-istand tal-Kunsill filwaqt li s-Sindku ser jattendi ghal jumejn.

***Proposta ta' Hot Air Balloon***
Wara li rcieva aktar dettalji minghand l-applikant, il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm perjodu ta' sitt xhur prova sabiex jigi evalwat l-impatt ta' din il-proposta.

***WTFC***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Victor Sladden, li jassisti l-Kunsill fil-WTFC, infurmah li minhabba li kien ghadu kif gie elett kumitat gdid u ghadu qieghed jipprova jsib saqajh, qal li ma kienx il-waqt li jattendi ghalissa sabiex jipproponi li s-Simpozju li jmiss isir f'Malta.

***Notte Bianca***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghad hemm numru ta' issues li ghad iridu jigu rizolti fosthom it-tindif ta' wara l-attivita` u certu events li qieghed jipproponi li ghandhom jinbidlu.

**L-OFFERTI GHAR-RESTAWR TAN-NICEC U STATWI**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ircieva zewg offerti ghal din is-sejha. Dawn kienu ta' Ricky Caruana b'offerta ta' €21,692 u ohra ta' Vaults Co. Ltd. b'offerta ta' €16,310. Huwa qal ukoll li kien tkellem mal-Perit Claude Borg, Ko-ordinatur Ezekuttiv tar-RPO dwar dawn iz-zewg offerti, u gie rakkomandat lill-Kunsill li tintghazel l-offerta ta' Vaults Ltd kemm fuq bazi ta' esperjenza u gharfien tax-xoghol mehtieg kif ukoll fuq il-prezz.

Il-Kunsill unanimament qabel li fuq bazi ta' dak irrakomandat aktar 'il fuq, din l-offerta tinghata lill-Vaults Ltd.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Tressqet quddiem il-Kunsill il-proposta ta' l-attivita f'Lejlet is-Sena l-gdida li ser issir fi Pjazza San Gorg u l-applikazzjoni ghall-fondi dwar l-istess attivita`. Il-Kunsill qabel dwar dan;

- Tressqet ukoll stedina biex il-Kunsill jippartecipa fit-II Euro-Arab Cities Forum li ser isir fi Frar tas-sena 2011. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Buontempo isegwi din il-materja;

- Il-Kunsill ha nota ta' petizzjoni li saret mir-residenti ta' l-akwata vicin il-Manoel Guest House sabiex kwalunkwe zvilupp li jista' jsir fuq dan il-bini, ma jeccedix l-gholi prezenti;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-Kumitat Festi Nazzjonali dwar l-arrangamenti li saru qabel u waqt l-attivita` ta' l-8 Settembre, quddiem il-Qorti;

- Il-Kunsill ircieva wkoll petizzjoni mis-sidien tal-hwienet ta' Triq Santa Lucija k/m Triq Merkanti sabiex ghal waqt iz-zmien tal-Milied ma jinhargux permessi ta' kiosks fil-Pjazza ta' quddiem il-Qorti sabiex ma jigix ostakolat il-bejgh f'din it-triq. Gie suggerit li tinkiteb ittra lir-RSBCA sabiex tali kiosk jitqieghed fi Pjazza San Gorg jew ikun hemm set-up alternattiv ghal kiosk sabiex ikun jista' jitqieghed quddiem il-Qorti;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Memo 121 – Attivitajiet sportivi***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet qed issir applikazzjoni ghal din il-memo sabiex isiru attivitajiet sportivi fil-Belt;

***Proposta ghal twinning ma' Cardiff***
Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgha ma' rapprezentanti tat-team tar-rugby Valletta Lions u fost l-ohrajn gie suggerit li l-Kunsill jara l-possibilta` ta' twinning ma' Cardiff. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibda dawn il-kuntatti.

***Laqgha ma' l-Ambaxxatur tas-Slovenja***
Is-Sindku nfroma lill-Kunsill li ser ikollu laqgha ma' l-Ambaxxatur tas-Slovenja sabiex tigi mistharrga l-possibilta` ta' gemellagg ma' Bratislava.

***Ftehim ma' Caravaggio***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li aktar tard matul is-sena ser jigu Malta delegazzjoni minn Caravaggio sabiex isir il-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-belt Valletta u Caravaggio.

***Memo 95-2010***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar din il-memo kienet saret applikazzjoni ghall-attivita' ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

***Laqgha mal-Kumitat Festi Beltin***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien iltaqa' mal-Kumitat Festi Beltin u gie diskuss kif il-Kunsill jista' jghin. Gie suggerit li l-Kunsill jixtri d-dawl tat-tizjin tat-toroq, liema dawl ikunu jistghu juzawh il-festi tal-lokal. Il-kunsill qabel ma' din l-idea li ghadha qieghdha tigi diskussa u evalwata mill-partijiet kollha.

***Valletta Card Project***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-vizita li saret f'Eindhoven kienet tajba hafna u raw kif tahdem il-card li qed tigi proposta. Dwar dan gie prezentat rapport (Appendici A) li

kkonkluda li biex din issir jehtieg spiza kbira u ghalhekk ghandhom jinstabu alternattivi ohra.

***Affarijiet ohra***
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li qed jigi propost li s-sena d-diehla jsir film festival madwar il-Belt; il-Kunsill hu mistieden sabiex jattendi fuq il-vapur Logos Hope mal-wasla tieghu fil-port; ipprezenta skeda tat-toroq li jonqos isir il-pavimentar fuqhom (Appendici B); saret applikazzjoni ghac-CIVITAS award; qed jigi propost li jsir carnival tat-tfal u carnival fuq il-bahar; beda l-process ghall-Kunsill Lokali taz-Zghazagh; giet fi tmiemha l-Iskola Sajf u saret l-attivita` ta' Tindif ta' Triq ir-Repubblika; giet fi tmiemha wkoll l-Iskola Sajf organizzata mill-Iskola Primarja tal-Belt u fl-ahhar gurnata saret vizita lill-Kunsill fejn it-tfal tkellmu mas-Sindku u mal-Kunsillier Camenzuli.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

Qabel tmiem is-Seduta is-Sindku ppropona li fl-Agenda jibdew jizdiedu 3 items. Update tal-permessi mal-MEPA li ghandhom jiehdu hsiebha il-Vici Sindku u l-Kunsillier Azzopardi. Update dwar l-ilmenti li ghandhom jiehdu hsiebha il-Kunsillieri Camenzuli u Farrugia u Update dwar l-attivitajiet socjali u kulturali li ghandhom jiehdu hsiebha il-Kunsillieri Borg u Buontempo.

Minhabba x-xoghol li qieghed dejjem jizdied specjalment fl-attivitajiet socjali u kulturali, is-Sindku ppropona li ssir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tigi impjegata persuna ohra.

**TMIEM**

Fil-5.30pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku